MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1365/2003

**Zhou Bao Zhou u Xihe Chen f'isimhom proprju u ghan-nom ta' binhom minuri Jiang Zhou**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi ghandhom tarbija illi twieldet fit-13 ta' Dicembru 2002 bl-isem ta' Jiang Zhou;

U illi isem it-tarbija tnizzel erronjament bhala "Jiang" meta fil-fatt dan kellu jkun "Jian" u dan kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

U illi fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbgha hamsa sebgha hamsa tas-sena elfejn u tnejn (4575/2002) l-isem tal-minuri huwa zbaljat u mnizzel bhala “Jiang” meta fil-fatt xtaqu li isem binhom ikun “Jian”;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li isem il-minuri huwa Jian Zhou u mhux Jiang Zhou.

2. Tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid tal-minuri esebit mac-citazzjoni odjerna u mmarkat bhala Dok “A” fis-sens illi fiz-zewg kolonni mmarkati “ismijiet moghtijin” u “isem u ismijiet li bih/bihom it-tarbija t-tarbija ghandha tigi msejha”, l-isem “Jiang” jigi sostitwit bl-isem “Jian”.

3. Tordna wkoll illi l-korrezzjoni effettiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fit-23 ta' Marzu 2004 fejn il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-5 ta' Mejju 2004 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' iben l-attur mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghall-lum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' iben l-atturi li jgib in-numru 4575/2002 *stante* li l-atturi qed jallegaw li fil-fatt isem binhom huwa "Jian" ghalkemm fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala "Jiang".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati *stante* li isem il-minuri fil-fatt ghandu jaqra "Jian" u mhux "Jiang".

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess b'xi mod jikkontrastaw ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens illi:-

1. Tiddikjara li isem il-minuri huwa Jian Zhou u mhux Jiang Zhou.

2. Tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid tal-minuri esebit mac-citazzjoni odjerna u mmarkat bhala Dok “A” fis-sens illi fiz-zewg kolonni mmarkati “ismijiet moghtijin” u “isem u ismijiet li bih/bihom it-tarbija t-tarbija ghandha tigi msejha”, l-isem “Jiang” jigi sostitwit bl-isem “Jian”.

3. Tordna wkoll illi l-korrezzjoni effettiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv ghall-minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez fic-cirkostanzi dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------